Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*26 ta' Marzu, 2010*

39/2010

**JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2010**

Il-Ħadd 28 ta' Marzu, 2010, Ħadd il-Palm, il-Knisja tiċċelebra Jum iż-Żgħażagħ. Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ din is-sena ikkummissjonat lil Kummissjoni Saċerdoti Żgħażagħ u liż-Żejtun Youth Mass Group biex jorganizzaw din iċ-ċelebrazzjoni. Din is-sena Jum iż-Żgħażagħ huwa speċjali wkoll għaliex qed isir bi tħejjija għaż-żjara f'Malta tal-Papa Benedittu XVI. Bħala parti minn dawn il-preparamenti se jinġiebu replika tas-salib u l-ikona li jintużaw fil-World Youth Day. Is-Salib u l-Ikona se jinġiebu minn Ħaż-Żabbar permezz ta' pellegrinaġġ bir-roti. Matul dan il-pellegrinaġġ se ssir ukoll Via Sagra. Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum iż-żgħażagħ 2010 se jikkonċentraw ruħhom fi Ġnien San Girgor, iż-Żejtun. Hemmhekk, iż-żgħażagħ se jkollhom ukoll l-opportunita' li jirreġistraw biex jattendu għal-laqgħa mal-Papa nhar il-Ħadd 18 ta' April.

**Programm:**

4.30pm – Tluq tal-Pellegrinaġġ bir-roti minn Triq Labour, Ħaż-Żabbar.

6.15pm – Fi Ġnien San Girgor se tibda attivita' mtella mis-Saċerdoti Żgħażagħ fl-okkażjoni tas-sena tas-saċerdoti. Iż-\għażagħ li jattendu se jkollhom ċans jsiru jafu aktar mill-qrib il-ħidmiet li jwettaq is-saċerdot.

7.00pm – Wasla tas-Salib u l-Ikona

7.15pm – Quddiesa għaż-żgħażagħ mexxija mill-Arċisqof Pawlu Cremona OP. Il-Quddiesa se tkun animata mill-group 'Heartbeat' u Żejtun Youth Mass.